

Brussell, 7 ta' Diċembru 2020
(OR. en)

13770/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2020/0341(NLE)**

TRANS 578

NOTA TA' TRASMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	30 ta' Novembru 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 769 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument COM(2020) 769 final.

Mehmuż: COM(2020) 769 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.11.2020
COM(2020) 769 final

2020/0341 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/[ŻID numru ta' REFERENZA] ⁽¹⁾, il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk ġie ffirmat mill-Unjoni fi [...2020], soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.

Il-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tal-Ftehim Interbus huwa ristrett għall-pajjiżi membri tal-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport (ECMT) u għal dawk il-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 30(2) tal-Ftehim Interbus. Minbarra l-Unjoni Ewropea, ir-Repubblika tal-Albanija, il-Prinċipat ta' Andorra, il-Bożnija-Herzegovina, ir-Repubblika tal-Moldova, il-Montenegro, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, ir-Repubblika tat-Turkija u l-Ukrajna bħalissa huma Partijiet Kontraenti għall-Ftehim.

Il-Ftehim Interbus huwa miftuħ għall-adeżjoni ta' pajjiżi li huma membri sħaħ tal-ECMT.

Ir-Renju tal-Marokk mhuwiex membru sħiħ iżda għandu status ta' osservatur fl-ECMT.

Jenħtieġ li l-Ftehim Interbus jipprovdi bażi ġuridika ċara għall-adeżjoni tar-Renju tal-Marokk.

Il-Protokoll iżid ir-Renju tal-Marokk mal-lista tal-pajjiżi msemmija fl-Artikolu 30(2) li jistgħu jaderixxu mal-Ftehim Interbus. L-Artikolu 30(2) diġà jelenka r-Repubblika ta' San Marino, il-Prinċipat ta' Andorra u l-Prinċipat ta' Monaco.

L-adeżjoni possibbli tar-Renju tal-Marokk ⁽²⁾ mal-Ftehim Interbus se tikkontribwixxi għal aktar żvilupp fir-relazzjonijiet internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri, fit-turiżmu u fl-iskambju kulturali lil hinn minn dawk il-pajjiżi li bħalissa huma Partijiet għall-Ftehim Interbus u se tiffaċilita l-organizzazzjoni tagħhom.

Tabilħaqq jenħtieġ li jitfakkar li t-trasport internazzjonali tal-passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank huwa settur importanti li jipprovdi l-mobbiltà liċ-ċittadini Ewropej bi struttura tal-prezzijiet affordabbli. L-iżvilupp ulterjuri tiegħu lil hinn mill-UE jkun ta' benefiċċju kemm għaċ-ċittadini tal-UE, għat-turisti barranin, għall-industrija tat-turiżmu kif ukoll għar-reġjuni Ewropej.

Jenħtieġ li tiġi offruta l-possibbiltà ta' aċċess għas-suq lir-Renju tal-Marokk abbażi tad-dispożizzjonijiet tal-Ftehim Interbus, soġġetta għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri bit-triq, inkluż is-sikurezza fit-toroq, id-dispożizzjonijiet tekniċi, il-kwalifiki tas-sewwieqa, ir-regoli soċjali, id-drittijiet tal-passiġġieri, l-ambjent u l-ammissjoni għall-impjieġ.

¹ **ĠUL [...], [...], p. [...].**

² Fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti fil-kawżi C-266/16, C-104/16P, T-275/18 u T-180/14, il-ftehim se jkun applikabbli għat-territorju tar-Renju tal-Marokk, iżda mhux se jkun applikabbli fit-territorju mhux awtonomu tas-Sahara tal-Punent.

Sabiex jiġu evitati l-kwistjonijiet ta' governanza, jenħtieġ li l-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim Interbus jiffirmaw u japprovaw jew jirratifikaw il-Protokoll dwar ir-Renju tal-Marokk qabel il-pajjiż ikun jista' jissieħeb.

Sabiex il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim Interbus jitħallew jiffirmaw u jikkonkludu l-Protokoll, huwa xieraq li l-Protokoll ma jkunx jipprevedi perjodu speċifiku li matulu dan ikun miftuħ għall-iffirmar.

Id-dħul fis-seħħ tal-Protokoll huwa l-ewwel jum tax-xahar wara dak meta l-Partijiet Kontraenti għall-Interbus kollha jkunu ffirmawh u approvawh jew irratifikawh.

Waħda mill-Partijiet Kontraenti biddlet isimha għar-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, u jenħtieġ li dan jiġi rifless fil-Protokoll.

Il-Protokoll issa jindika wkoll li l-Prinċipat ta' Andorra sar Parti Kontraenti għall-Ftehim Interbus.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-Protokoll huwa konformi mal-politika tal-UE tat-trasport bit-triq u jikkomplementaha. Jappoġġja l-aċċess ta' pajjiżi ġirien tal-UE għas-suq tat-trasport tal-passiġġieri tal-UE (u viċ-versa) u johlq qafas regolatorju għall-organizzazzjoni tat-turiżmu transfruntier fiż-żewġ direzzjonijiet.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-proposta hija konsistenti mal-politika tal-veċinat u tar-relazzjonijiet esterni tal-UE.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert u valutazzjoni tal-impatt**

L-impatti globali mistennija huma pożittivi: il-ftuħ tal-Ftehim Interbus għal pajjiż ieħor joffri opportunitajiet ġodda kemm lill-Partijiet Kontraenti eżistenti kif ukoll lir-Renju tal-Marokk. Peress li jgħin biex jestendi l-acquis tal-UE fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri lil dak il-pajjiż, se jkollu impatti pożittivi fuq il-kundizzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u soċjali li skonthom jitwettqu l-operazzjonijiet rilevanti. L-impatt ambjentali globali se jkun limitat.

S'issa, l-operaturi jistgħu jkunu SMEs bi flotta iżgħar ta' kowċis jew xarabankijiet jew kumpaniji akbar bi flotta akbar.

- **Simplifikazzjoni**

It-twessigħ tal-kamp ta' applikazzjoni ġeografiku tar-regoli applikabbli għal operazzjonijiet ta' trasport okkażjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank skont il-Ftehim Interbus se jikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tat-twettiq ta' operazzjonijiet bħal dawn ma' pajjiż terz ieħor.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

Bażi Ġuridika

Il-bażi ġuridika hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-bażi ġuridika sostantiva, l-Artikolu 91 tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE.

- **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 218(6)(a) tat-TFUE jipprevedi Deċiżjoni tal-Kunsill bħala l-istrument applikabbli.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

L-ebda.

5. ELEMENTI FAKULTATTIVI

- **Arranġamenti ta' monitoraġġ, ta' evalwazzjoni u ta' rapportar**

It-tħaddim tal-Ftehim Interbus se jiġi evalwat kull ħames snin mill-Kumitat Konġunt stabbilit fl-Artikolu 23 tal-Ftehim.

Proċedura ulterjuri

Il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li l-proċedura tingħata bidu bil-għan li l-Protokoll jiġi konkluż. B'konsegwenza ta' dan, il-Kummissjoni qiegħda tressaq din il-Proposta lill-Kunsill għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk.

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

Dispożizzjonijiet speċifiċi tad-Deċiżjoni tal-Kunsill proposta:

- L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill jipprevedi l-konklużjoni, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim Interbus billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk.
- L-Artikolu 2 jikkonċerna s-setgħat għall-konklużjoni tal-Protokoll.
- L-Artikolu 3 jipprevedi d-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni tal-Kunsill.

Dispożizzjonijiet speċifiċi tal-Protokoll:

- L-Artikolu 1 jipprevedi emenda għall-Ftehim Interbus dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank billi jagħti lir-Renju tal-Marokk l-għażla li jaderixxi mal-Ftehim.
- L-Artikoli 2 sa 6 ikopru l-proċeduri amministrattivi biex il-Protokoll jidħol fis-seħħ, jipprevedu li l-Partijiet Kontraenti kollha għandhom jiffirmaw il-Protokoll u jaderixxu miegħu jew jirratifikawh qabel dan jidħol fis-seħħ u, b'hekk, ir-Renju tal-Marokk ikun jista' jissieħeb fil-Ftehim, u jinkludu dispożizzjonijiet dwar ir-reġim lingwistiku.

- L-Artikolu 7 jipprevedi li dan il-Protokoll jissostitwixxi l-Protokoll dwar ir-Renju tal-Marokk li kien miftuħ għall-iffirmar bejn is-16 ta' Lulju 2018 u s-16 ta' April 2019.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew,

Billi:

- (1) F'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2020/[ŻID numru ta' REFERENZA]¹, il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk ("il-Protokoll") ġie ffirmat mill-Unjoni fi [data] 2020, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (2) Sabiex jiġu evitati l-kwistjonijiet ta' governanza, il-Partijiet Kontraenti kollha għall-Ftehim Interbus ikollhom jiffirmaw u japprovaw jew jirratifikaw il-Protokoll dwar ir-Renju tal-Marokk qabel il-Protokoll jidħol fis-seħħ u dan il-pajjiż ikun jista' jissieħeb. Ma hemm l-ebda perjodu speċifiku li matulu l-Protokoll se jkun miftuħ għall-iffirmar. Il-Protokoll jidħol fis-seħħ fl-ewwel jum tax-xahar wara r-ratifika mill-Partijiet Kontraenti kollha.
- (3) Barra minn hekk, il-Protokoll iqis il-bidla fl-isem ta' Parti Kontraenti, dak tal-Maċedonja ta' Fuq. Il-Protokoll issa jirreferi wkoll għall-Prinċipat ta' Andorra li sar Parti Kontraenti għall-Ftehim Interbus.
- (4) Għal raġunijiet ta' ċarezza u sabiex jiġu ffaċilitati l-iffirmar u d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, tqies li huwa xieraq li jitħejja Protokoll ġdid dwar ir-Renju tal-Marokk li jissostitwixxi l-Protokoll dwar ir-Renju tal-Marokk li kien miftuħ għall-iffirmar bejn is-16 ta' Lulju 2018 u s-16 ta' April 2019.

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2020/[ŻID numru ta' REFERENZA] ta' [data] dwar l-iffirmar ta' Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk (ĠUL, 2020, p.).

- (5) Huwa mistenni li l-adeżjoni possibbli tar-Renju tal-Marokk mal-Ftehim Interbus tikkontribwixxi għall-iżvilupp fir-relazzjonijiet internazzjonali tat-trasport tal-passiġġieri, fit-turiżmu u fl-iskambju kulturali lil hinn minn dawk il-pajjiżi li bħalissa huma Partijiet għall-Ftehim Interbus. Huwa mistenni wkoll li adeżjoni possibbli tar-Renju tal-Marokk mal-Ftehim Interbus tgħin fl-estensjoni tal-acquis tal-Unjoni fil-qasam tat-trasport tal-passiġġieri għal dan il-pajjiż. Dan mistenni jkollu impatt pożittiv fuq il-kundizzjonijiet tekniċi, ekonomiċi u soċjali li skonthom jitwettqu l-operazzjonijiet rilevanti. Għalhekk, jenħtieġ li r-Renju tal-Marokk, li għandu status ta' osservatur fil-Konferenza Ewropea tal-Ministri tat-Trasport, jingħata l-opportunità li jaderixxi mal-Ftehim Interbus.
- (6) Għalhekk, il-Protokoll jenħtieġ li jiġi approvat f'isem l-Unjoni,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar it-trasport okkażjonali internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank (il-Ftehim Interbus) billi tiġi estiża l-possibbiltà ta' adeżjoni għar-Renju tal-Marokk qiegħed jiġi approvat f'isem l-Unjoni.

It-test tal-Protokoll huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Il-President tal-Kunsill għandu jaħtar lill-persuna li jkollha s-setgħa li tipproċedi, f'isem l-Unjoni Ewropea, biex tiddepożita l-istrument tal-approvazzjoni previst fl-Artikolu 3 tal-Protokoll, sabiex jesprimi l-kunsens tal-Unjoni Ewropea li tkun marbuta bil-Protokoll.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha².

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

² Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll se tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.